# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Mejju, 2025.**

**Numru 26**

**Rikors numru 232/20/1 JVC**

**Angelus Vella**
**Jason Said**

**v.**
**Avukat tal-Istat**
**Il-Kummissarju tal-Pulizija**
**Ministru tal-Intern, Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi**
**Il-Kap tas-Servizz tas-Sigurtà**

1. Dan l-appell jitratta ilment dwar ksur ta' drittijiet fundamentali marbuta ma' interċettazzjoni ta' telefonati li saru mis-Servizz tas-Sigurtà fl-isfond ta' investigazzjoni li wasslet għall-arrest tal-appellanti, fejn *inter alia* l-appellanti ġew mixlijja bi traffikar u importazzjoni tad-droga. B'sentenza mogħtija nhar it-30 ta' Jannar 2024, il-Prim'Awla tal-Qorti

Ċivili (Sede Kostituzzjonali), ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti hekk kif dedotti fir-rikors promotur bl-ispejjeż kollha a karigu tal-istess rikorrenti.

**Preliminari:**

**A. Fatti**

2. Fis-6 ta' Ġunju 2005, ir-rikorrent Angelus Vella, kien twaqqaf mill-Pulizija f'marina fil-Kottonera wara li niżel minn fuq *cabin cruiser* li l-Pulizija kienet qiegħda tfittex sa minn dakinhar filgħodu.

3. F'din l-istess operazzjoni tas-6 ta' Ġunju, kienu nżammu wkoll terzi.

4. F'vettura partikolari li kienet qiegħda tinstaq minn terzi, instabet madwar tmien (8) kilogrammi ta' sustanza li sa dak l-istadju kien maħsub li kienet eroina. Din kienet allegatament tniżżlet l-art minn fuq opra tal-baħar li f'dak l-istadju l-Pulizija kienet għadha tfittex.

5. Din l-operazzjoni kienet saret b'koordinazzjoni mas-Servizz tas-Sigurtà ta' Malta li kienet qiegħda tinterċetta d-diskors tal-persuni suspettati, *tramite* ċ-ċellulari tal-istess.

6. Sussegwentement ir-rikorrneti tressqu b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Malta bħala Qorti Istruttorja fil-1 ta' Lulju 2005, mixlija li *inter alia* (a) assoċjaw ruħhom ma' ħaddieħor biex jittraffikaw l-eroina; (b) impurtaw jew ġiegħlu lil min jimporta f'Malta jew għenu biex tiddaħħal f' Malta l-eroina bi ksur tal-istess Ordinanza; (c) fornew jew ippruvaw ifornu l-imsemmija droga bla ma kienu liċenzjati skont l-imsemmija Ordinanza; u (iv) li kellhom fil-pussess tagħhom l-imsemmija droga bi ksur tal-istess Ordinanza.

7. Ir-rikorrenti wieġbu li ma kinux ħatja;

8. B'digriet datat 5 ta' Mejju 2009, fuq talba tal-Prosekuzzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ordnat li jsiru kopji tal-interċettazzjonijiet telefoniċi li saru mis-Servizz tas-Sigurtà ta' Malta u li kopja tal-istess tiddaħħal fl-atti tal-kumpilazzjoni.

9. Sussegwentement l-Avukat Ġenerali ħareġ att ta' akkuża numru 23/2013 fil-konfront tar-rikorrenti li fis-6 ta' Ġunju u fil-ġimgħat ta' qabel assoċjaw ruħhom ma' terzi sabiex jimportaw u jittraffikaw f'Malta ammont sostanzjali ta' droga eroina.

**B. Proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali):**

10. Permezz ta' rikors intavolat nhar l-20 ta' Ottubru 2020 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), ir-rikorrenti Vella u Said talbu dikjarazzjoni illi ġew leżi id-drittijiet fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq hekk kif sanċit fl-Artikolu 32(cc) u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u, drittijiet tagħhom hekk kif protetti permezz tal-Artikoli 6, 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea *stante* illi l-interċetazzjonijiet li seħħew saru *ai termini* ta' mandat maħruġ mill-Eżekuttiv u mhux minn awtorità ġudizzjarja, b'dan illi ma kienx hemm skrutinju ġudizzjarju li jagħti serħan il-moħħ li tali prova nġabret b'mod trasparenti. Ulterjorment ir-rikorrenti talbu ukoll dikjarazzjoni illi l-istess drittijiet tagħhom ġew leżi biż-żamma tad-data mill-fornituri tas-servizzi ta' komunikazzjoni elettroniċi aċċessibbli għall-pubbliku jew ta' *networks* pubbliċi ta' komunikazzjoni u kull aċċess lil awtoritajiet ta' tali data u użu tal-istess, hija illegali u leżiva.

11. Permezz ta' risposta konġunta datata 13 ta' Novembru 2020 , l-intimati l-Avukat tal-Istat, il-Kummissarju tal-Pulizija, il-Ministru għall-Intern, Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi u l-Kap tas-Servizz tas-Sigurtà, eċċepew illi r-rikorrenti ma jistgħux isejsu l-kawża tagħhom fuq l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni għaliex skont l-Artikolu 46(1) dan mhuwiex wieħed minn dawk l-artikoli li jagħti dritt ta' azzjoni quddiem qorti b'setgħat kostituzzjonali, u għalhekk tali talba għandha tiġi miċħuda. *Di piu'* affermaw illi sa fejn it-talbiet huma msejsa fuq l-Artikolu 39 tal-

Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, dawn ma jistgħux jiġu mistħarġa, għaliex diġà' ingħatat sentenza, minn din il-Qorti kif diversament preseduta nhar id-29 ta' Novembru 2018.

12. Fil-mertu sostnew illi biex jinsab ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq, jeħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fis-sħiħ tiegħu, u mhux f'biċċa minnu. Fil-mertu żiedu illi l-fatt li l-mandati għall-interċetazzjonijiet telefoniċi jinħarġu minn Ministru mhuwiex ta' xkiel għas-siwi tal-proċess kriminali, *stante* li tali prova hija soġġetta għall-kontestazzjoni min-naħa tad-difiża u kif ukoll għall-istħarriġ finali tal-qrati kriminali. *Di piu'* spjegaw illi l-interċetazzjonijiet ma sarux taħt liġi tal-Unjoni Ewropea iżda taħt il-liġi Maltija u ċjoè l-Kap 391 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar it-tħassir tad-Direttiva 2006/24 ma' tista tkun ta' ebda fejda għar-rikorrenti. Fir-rigward l-allegat leżjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, huwa *ormai* risaput illi interċetazzjonijiet bħal dawn huma meħtieġa u mistħoqqa sabiex tiġi miġġielda d-delinkwenza u għalhekk huma ġustifikati, u fil-fatt il-Qrati reġjonali jippermettu ż-żamma ta' tali data li hija meħtieġa għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati serji.

13. B'sentenza datata 30 ta' Jannar 2024, l-Ewwel Qorti, ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti *stante* illi l-eċċezzjoni tal-intimati għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni

u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, li l-ilment tar-rikorrent kien diġà ġie mistħarreġ u deċiż, hija waħda ġustifikata. Ulterjorment u fil-mertu l-Ewwel Qorti affermat illi l-interċettazzjonijiet huma fil-fatt sottoposti għal skrutinju ġudizzjarju, mhux kif isostnu r-rikorrenti, u għalhekk m'hemm l-ebda ksur tal-prinċipju tal-'*equality of arms'*.

14. B'referenza għat-tieni talba, l-Ewwel Qorti osservat illi mill-atti ma jirriżulta minn imkien li sar użu tad-Direttiva 2006/24 sabiex jinġabru xi provi fil-konfront tal-istess rikorrenti akkużati. Fil-fatt mill-provi esebiti fl-atti tal-proċeduri kriminali jirriżulta illi l-intelliġenza in kwistjoni inkisbet wara l-ħruġ tal-mandat *ai termini* tal-Att dwar is-Servizz tas-Sigurtà u ċjoè il-Kap. 391 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux abbażi tad-Direttiva attakkata mir-rikorrenti permezz tat-tieni talba tagħhom.

**C. L-Appell:**

15. L-atturi ħassewhom aggravati minn din id-deċiżjoni u intavolaw appell nhar id-19 ta' Frar 2024 u talbu lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti u tgħaddi biex tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti hekk kif dedotti.

16. L-Avukat tal-Istat, il-Kummissarju tal-Pulizija, il-Ministru tal-Intern, Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi, u l-Kap tas-Servizz tas-Sigurtà

wieġbu għall-appell tar-rikorrenti permezz ta' risposta konġunta datata 4 ta' Marzu 2024 u filwaqt li affermaw illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti timmerita li tiġi konfermata *in toto,* filwaqt li l-appell tal-appellanti għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż taż-żewg istanzi kontra l-istess.

*L-Aggravji:*

17. Permezz tal-ewwel aggravju, l-appellant jisħaq illi l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta ċaħdet it-talbiet tiegħu abbażi tal-eċċezzjoni tar-*res judicata.* Filwaqt illi jiċċita ġurisprudenza fuq il-materja, ir-rikorrenti sostna illi fil-każ odjern ma hemmx l-elementi kollha tar-*res judicata*, b'dan illi filwaqt illi hemm ċertu konnessjoni bejn il-proċeduri odjerni u r-referenza deċiża minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-29 ta' Novembru 2018, l-*eadem res* u l-*eadem causa petendi* huma differenti. Iżidu illi fil-fatt fil-proċeduri odjerni, il-pretensjoni prinċipali hija mibnija fuq l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

18. L-intimati jargumentaw illi dan l-aggravju huwa wieħed infondat u bla bażi *stante* illi mhuwiex minnu li l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata waslet għall-konklużjoni li l-mertu kollu tal-proċeduri odjerni kien b'xi mod milqut bl-eċċezzjoni tal-ġudikat. Jirriżulta b'mod pależi mill-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti illi tali istitut ġie applikat limitatament fir-rigward ta' dik il-parti mill-lanjanza li tirrigwarda l-allegat

ksur tal-jedd għal smigħ xieraq hekk kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Ulterjorment igħidu illi l-Ewwel Qorti xorta waħda għamlet konsiderazzjonijiet oħra li effettivament wasluha biex tiddeċiedi l-lanjanza tal-appellanti irrispettivament minn dak li ġie deċiż fir-referenza bin-numru 13/2017.

19. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet in materja:

> *"Il-bqija tal-ewwel talba:*
>
> *Illi dwar l-ewwel ilment u talba tar-rikorrenti relatata mal-allegat ksur ta' tad-dritt ghal smiegh xieraq taghhom rizultat tal- intercettazzjonijiet li saru mis-Servizzi Sigrieti esebiti fl-atti kriminali u l-allegat ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq tar-rikorrenti fit-termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal- konvenzjoni, l-Qorti terga' taghmel referenza ghad-decizjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta datata 29 ta' Novembru, 2018 moghtija mill-Onorevoli Mhallef J. R. Micallef a fol. 16 et seqtal- process. Fil-fatt minn qari ta' din id-decizjoni, li ma gietx appellata, din il-Qorti bilfors ikollha taghmel referenza ghat-tielet eccezzjoni tal-intimati li taqra kif isegwi:*
>
> > *'Illi sa fejn it-talbiet tar-rikorrenti, huma mibnija fuq l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dawn ukoll ma jistghux jigu mistharrga, ghaliex dwar dan l-artikoli ga nghatat sentenza, mhux appellata, moghtija minn din l-Onorabbli Qorti nhar id-29 ta' Novembru, 2018.' Illi fil-fatt din il-Qorti rat dik il-parti tad-decide ta' dik l-Onorabbli Qorti li tirrigwarda l-intercettazzjonijiet mis-Servizzi Sigrieti li minnhom qed jilmentaw ukoll ir-rikorrenti fl-atti odjerni fejn din taqra kif isegwi:*
> >
> > > *'Illi jifdal li l-Qorti tqis ir-raba' kawżali tal-ilment tar-rikorrenti u jiġifieri t-talba għat-tneħħija mill-atti ta' xi dokumenti mressqa mill-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni tax-xhieda quddiemil- Qorti Istruttorja. Din il-kawżali titkellem dwar sett ta' dokumenti li jikkonsistu fi traskrizzjoni ta' diskursati li saru waqt telefonati (li fihom kienu mdaħħla r-rikorrenti u oħrajn) li kienu interċettati fi żmien qabel sa dakinhar li ġew arrestati fis-6 ta' Ġunju, 2005, użewġ dokumenti mressqa minn rappreżentant tar-reġistratur tal- Qrati Kriminali. L-ilment tar-rikorrenti dwar tal-ewwel huwa li dawn tressqu bħala prova minn uffiċjal tal-Pulizija meta ma kien xhu li ikkompilahom u b'hekk ma tressqitx l-aqwa prova u wisq anqas setgħu r-rikorrenti jikkontrollaw b'xhieda lil min għamilhom. Iżidu jgħidu li l-Pulizija ma humiex esperti kompetenti biex jagħrfu l-ilħna fit-telefonati interċettati u li, skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Servizz tas-Sigurtà, likkupjar ta' telefonati interċettati seta' jsir biss*

*minn uffiċjali tas- Servizz tas-Sigurtà. Minbarra dan, jisħqu li t-traskrizzjoni tad- diskors interċettat tikser il-liġi, saret meta ma kienx hemm ħatra għal daqshekk minn qorti, saret minn min ma kienx espert fil-ħaġa, saret bla ma hemm kontinwità, u saret b'mod li kien hemm tbagħbis u kontaminazzjoni tal-għajn tal-istess evidenza.*

*Minħabba dan kollu, jgħidu, seħħ ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq; Illi għal dan l-ilment l-intimat Avukat Ġenerali jwieġeb billi jgħidli l-Qorti tal-Appell Kriminali diġà qieset din il-kwestjoni fis- sentenza tagħha meta kienet qiegħda tiddeċiedi dwar l- eċċezzjonijiet imqajmin mir-rikorrenti dwar l-Att talAkkuża. Huwa jgħid li l-kwestjoni tal-ammissibilità ta' prova tinsab fis- setgħa tal-Qorti li se tmexxi l-Ġuri u, minħabba f'hekk, ir- rikorrenti ma jistgħux jilmentaw li diġà seħħ ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq bil-fatt li s'issa l-imsemmija dokumenti għadhom fl-inkartament tal-Att tal-Akkuża;*

*Illi huwa minnu li din il-kwestjoni tressqet mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Kriminali u kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Fiż-żewġ istanzi, id-deċiżjoni marret kontra t-talbatar- rikorrenti biex id-dokumenti msemmija jitneħħew mill-atti tal- kawża. Il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma għandhomx jinqdew bil- proċedura ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali biex idawruha f'appell mill-appell. Madankollu l-kwestjoni kif imqanqla mir- rikorrenti f'din ir-raba' kawżali tista' titqies taħt il-profil tal-jedd għal smigħ xieraq u fil-qafas tal-azzjoni kif imressqa, b'mod 38 partikolari fejn jidħlu l-imparzjalità u l-kompetenza tax-xhud jew tal-espert;*

*Illi ma hemmx dubju li l-ilment tar-rikorrenti jintrabat mar- regolarità proċedurali tad-dokumenti li tagħhom jitolbu t-tneħħija mill-atti. Huwa prinċipju aċċettat li "Evidence obtained contrary to the norms laid down in the Convention itself, such as statements extracted via torture or other inhuman treatment contrary to Article 3, or evidence collected by means of encroachment on privacy contrary to Article 8, conflicts on that ground alone with the Convention. However, the Convention does not lay down rules on evidence as such. The Court, therefore, does not exclude as a matter of principle and in the abstract that evidence obtained in breach of provisions of domestic law may be admitted. It is a matter for the national courts to assess the obtained evidence and its relevance. Nevertheless, the Court has adopted the view that the principle of 'fair hearing' may entail specific requirements with respect to evidence". Dan ikun ifisser li l-kwestjoni tal-ħarsien tal jedd għal smigħ xieraq minħabba l-kwalità, ir-regolarità jew saħansitra l-ammissibilità ta' prova (dokumentali jew modieħor) tista' titqies biss b'riferenza għall-proċediment kollu u mhux b'episodju maqtugħ għalih;*

*Illi din il-fehma ntlaqgħet u tħaddmet ukoll mill-Qrati f'Malta wkoll f'każijiet li kienu jitrattaw ilmenti ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq;*

*Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti tasal għall fehma li żżamma fl-atti tal-Att tal-Akkuża tad-dokumenti magħmula minn traskrizzjoni tat-telefonati interċettati ma tikkostitwix ksur tal-jedd tar-rikorrenti għas-smigħ xieraq fil-każ tagħhom meta huwa ċar li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jreġix biss fuq dawk id-dokumenti u meta għad irid jirriżulta jekkil- 39 Prosekuzzjoni hijiex sejra toqgħod fuq dawk id-dokumenti jew issemmihom waqt il-Ġuri; Illi l-Qorti tagħmel l-istess osservazzjonijiet dwar it-talb atar- rikorrenti biex mill-atti tal-Att tal-Akkuża jitneħħew żewġ dokumenti mressqa mix-xhud Robert Buġeja (rappreżentant tar- Reġistratur tal-Qrati) waqt l-għoti minnu tax-xhieda fis-16 ta' Frar, 2010, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti*

> *Inkwirenti. Il- Qorti tirrileva li, fil-każ tal-ewwel dokument, dan huwa kopja awtentikata minn verbal ta' kawża li huwa fih innifsu att ta' qorti li l-liġi tgħid li huwa ammissibbli bi prova bla ħtieġa ta' ebda prova oħra dwar l-awtentiċità tagħhom.*
>
> *Fil-każ tat-tieni dokument, it-traskrizzjonijiet li allegatament juru x'ingħad fit telefonati interċettati għadhom jistgħu jkunu mistħarrġa jew attakkati mid-difiża fl-istadju xieraq tal-proċeduri li jinsabu għaddejjin fir rigward tar-rikorrenti;*
>
> *Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li l-ilment tar-rikorrenti dwar l-imsemmija dokumenti huwa wieħed mistħoqq;'*

*Illi huwa ghalhekk car lil din il-Qorti li l-ilmenti mqajjma mir- rikorrenti odjerni fir-rigward tal-intercettazzjonijiet li saru mis- Servizzi Sigrieti u li jaqghu taht l-ewwel talba fir-rikors odjern fit termini tal-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll Artikolu 6 tal- Konvenzjoni, gia gew mistharrga u decizi b'mod finali minn din il-Qorti diversament preseduta. Il-Qorti rat li ghalkemm dik id- decizjoni nghatat fid-29 ta' Novembru, 2018 u ma sarx appell minnha, r-rikorrenti regghu ressqu ilmenti tista' tghid identici quddiem din il-Qorti anqas minn sentejn wara u dan in relazzjoni mal-istess proceduri kriminali u l-istess intercettazzjonijiet, minghajr ma lanqas almenu segwew id-direzzjoni ta' dik il-Qorti li sostniet li wiehed irid janalizza lejn il-procedura shiha u mhux f'dan l-istadju.*

*Il-Qorti tqis li f'dawn ic-cirkustanzi, l-eccezzjoni tal-intimati li ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, l-ilment tar-rikorrent gia gie mistharreg u deciz billi gie michud hija gustifikata u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.*

*Omissis*

*Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel talba tar- rikorrenti wkoll fit-termini tal-Artikolu 39 tal-Kostitizzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni."*

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:

20. Fir-rigward l-istitut tar-*res judicata* fid-deċiżjoni fl-ismijiet ***Charles Cortis v. Francis X. Aquilina*** ġie ritenut illi:

*"…llum il-ġurnata hemm qbil ġenerali kemm fid-dottrina u kif ukoll fis-sentenzi tal-Qrati dwar x'inhuwa meħtieġ biex l-eċċezzjoni tal-ġudikat tista' tintlaqa'. Tlieta huma l-elementi li jmisshom jiġu murija minn min*

*iqanqal l-eċċezzjoni biex din isseħħ. Dawn l-elementi huma l-istess oġġett (eadem res), l-istess partijiet (eædem personæ) u l-istess mertu (eadem causa petendi). Huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eċċezzjoni tirnexxi jeħtieġ li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru għax, fin-nuqqas, ma jistax jingħad li l-ħaġa hija l-istess (nisi omnia concurrunt, alia res est);*[1]

*Illi l-eċċezzjoni tal-ġudikat tissemma fl-artikolu 730 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili bħala waħda li dwarha għandha tingħata deċiżjoni b'kap għaliha, ukoll jekk tinqata' flimkien mal-mertu fid-deċiżjoni aħħarija; Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza, li tbiegħed il-possibilita' ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita' ta' kwestjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat;*

*Illi, min-naħa l-oħra, dan il-prinċipju huwa mwieżen b'dak l-ieħor daqstant għaqli li, fejn kwestjoni tkun ġiet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, tiġi konfermata; jew, jekk ma tiġix appellata jew ritrattata fiż-żmien li tippreskrivi l-liġi, ma ssir l-ebda proċedura oħra li tattakka lil dik is-sentenza.*[2] *Dan il-prinċipju jissaħħaħ meta l-kwestjoni li dwarha tinfetaħ ittieni kawża jkun diġà' jeżisti fil-waqt li tingħata s-sentenza fl-ewwel kawża*[3]*;"*

21. Il-Qorti fis-sentenza su-ċitata żiedet illi:

*"Illi minħabba fil-fatt li dik l-eċċezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jistħoqqilha tiġi meqjusa minn qorti, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tkun ta' interpretazzjoni dejqa, tant li, f'każ ta' dubju, l-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni;*[4]*"*

---

[1] Deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar il-25 ta' Settembru 2023 mill-Onor Imhallef.J. R. Micallef

[2] Ara P.A. 11.3.1949 fil-kawża fl-ismijiet Cassar Parnis vs Soler (Kollez. Vol: XXXIII.ii.344);

[3] P.A. GV 27.6.1995 fil-kawża fl-ismijiet A.P. Farruġia noe vs T. Borġ Reveille et (Mhix pubblikata)

[4] Ara, per eżempju, App. Ċiv. 5.10.1998 fil-kawża fl-ismijiet J. Camilleri vs L. Mallia (Kollez. Vol: LXXXII.ii.305), u s-sentenzi hemm imsemmija.

22. Illi din l-istess pożizzjoni ġiet abbraċjata ukoll fid-deċiżjoni fl-ismijiet: *Gauci Martin v. K.M.L. Manufacturing Limited* deċiża nhar l-14 ta' Novembru 2007:

> *"Ma jidhirx li huwa inopportun li jigi dejjem imfakkar illi l-exceptio judicati hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija strictissimae interpretationis. Tant illi kif jissokta jinghad b'citazzjoni minn sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Palermo (03.03.1898)" la cosa giudicata deve risultare chiara ed evidente, e non desumersi da argumenti piu o meno forzati o da inesattezze affermate dal magistrate con poca ponderazione; e nel dubbio il giudice non deve propendere per la cosa giudicata.[5]"*

23. Dawn l-insenjamenti kienu mbagħad ri-affermati b'approvazjoni fis-sentenza fl-ismijiet: *Dottor Jose Herrera nomine v. Anthony Cassar et nomine* tal-5 ta' Ottubru 1992. Ġie ritenut ukoll illi:

> *"Dan sal punt li f' kaz ta' dubju d-decizjoni tal-Qorti (l-Bord) ghandha tkun kontra li tigi milqugha l-eccezzjoni tal gudikat ghax altrimenti jigi ndebitament pregudikat l-attur (l-applikant) in kwantu jigi mcahhad milli jkollu t-talbiet tieghu definiti giudizzjarjament. L-exceptio judicati ghandha bhala fundament taghha l-interess pubbliku u hija ta' interpretazzjoni strettissima, u f' kaz ta' dubju, l-gudikant ghandu jaqta' kontra din l-eccezzjoni (Vol. XXIX.i.1155).[6]"*

24. Kif jirriżulta mir-rikors promotur *a fol 1 et seq,* tal-atti, il-lanjanzi tal-appellanti kif jindikaw huma stess f'paġna tnejn (2) tar-rikors promotur, huma msejjsa fuq l-interċettazzjonijiet ta' telefonati li saru mis-Servizz tas-Sigurtà ta' Malta bejn l-istess appellanti u terzi. Jisħqu illi l-Kap 391

---

[5] Vide ukoll sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Kummercjali deciza nhar il-5 ta'Novembru 1934 fl-ismijiet Francesca Aquilina vs Neg Giuseppe Gasan et.

[6] Vide*"Giuseppa mart Leonardo Mizzi et –vs Joseph Sacco", Appell, 31 ta' Mejju 1996 kif ri-prodotta fid-decisjoni Difesa Joe vs MEPA deciza nhar is-6 ta' April 2005.*

ma joffrix is-salvagwardi neċessarji sabiex jiġu protetti d-drittijiet fundamentali tagħhom. Dan kollu fil-fehma tal-appellanti wassal għal leżjoni tal-Artikolu 6, 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea, u leżjoni tal-Artikolu 32(ċĊ) u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-appellanti ilmentaw ukoll dwar l-illegalità taż-żamma tad-data ġenerata jew proċessata, u li l-Avviz Legali 198 tal-2008 u t-Taqsima II tar-Regolamenti dwar l-Ipproċessar ta' Data Personali fis-settur tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (S.L. 440.01) hija invalida u illegali, u l-użu ta' tali data jikkostitwixxi ukoll ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem *ai termini* tal-Artikoli 6,8 u 13 tal-Konvenzjoni u l-Artikoli 39 u 65 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

25. Fit-talbiet imbagħad, l-appellanti fil-fatt talbu dikjarazzjoni ta' leżjoni tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, hekk kif sanċit fl-Artikoli 32(cc) u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikoli 6, 8 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja, *stante* li fil-fehma tagħhom tali interċettazzjonijiet saru *ai termini* ta' mandat maħruġ mill-Eżekuttiv u mhux minn awtorità ġudizzjarja, u li ż-żamma ta' data minn fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi mogħtija lill-awtoritajiet hija illegali u leżiva.

26. Il-Qorti rat illi fir-referenza bin-numru 13/2017 fl-ismijiet *Angelus Vella u Jason Said v. L-Avukat Ġenerali,* permezz ta' rikors intavolat nhar is-17 ta' Marzu, 2017, ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti (1) issib li huma ġarrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq bi ksur

tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta meta: (i) huma taw stqarrijiet lill-Pulizija waqt li kienu arrestati bla ma tħallew ikollhom l-għajnuna ta' avukat waqt l-arrest u qabel jew matul l-interrogazzjoni mill-Pulizija, u (ii) l-użu fil-proċeduri kriminali mibdija kontrihom tal-istess stqarrijiet u dikjarazzjonijiet magħmula minnhom lill-Pulizija meta ma kellhomx il-jedd li jkellmu minn qabel avukat tal-fiduċja tagħhom; kif ukoll (iii) minħabba li ma ngħatalhomx aċċess għall-'file' tal-Pulizija bi ksur tar-'rule of disclosure'; u minħabba (iv) **nuqqasijiet imwettqa matul l-istadju tal-Kumpilazzjoni bl-ammissjoni ta' dokumenti li ttieħdu bi ksur tal-liġi u li ma messhom qatt kienu mħollija jagħmlu parti mill-atti tal-istess Kumpilazzjoni.** (Enfasi ta' din il-Qorti.)

27. Wara li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti fil-proċeduri bin-nurmu 13/2017, u wara li eżaminat kemm ir-rikors promotur odjern u dak intavolat fl-atti tal-proċeduri bin-numru 13/2017, irriżultalha illi effettivament t-tema ġenerali fil-proċeduri bin-numru 13/2017 kien l-allegat vjolazzjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq u dawk id-drittijiet sussidjarji oħra hekk kontemplati taħt il-kappa ta' dan id-dritt. Din il-Qorti rat ukoll illi mill-erba' kweżiti li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri bin-numru 13/2017 kellha tindirizza, wieħed minn dawn kien jitratta propju l-allegat illegalità tal-interċetazzjonijiet telefoniċi, u jekk dawn kinux saru bi ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq ta' Vella u Said.

Kuntrarjament għal dak rilevat mill-appellanti, kienet din l-istess premessa li ġiet promossa fil-proċeduri odjerni.

28. Fil-fatt, jirriżulta b'mod pależi mit-talbiet, filwaqt illi huwa minnu li r-rikorrenti talbu ukoll dikjarazzjoni ta' allegat vjolazzjoni tal-Artikoli 8 u 13 tal-Konvenzjoni, tali lanjanza saret fl-isfond ta' allegat vjolazzjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq. Għalhekk għat-tieni darba f'perjodu ta' ċirka sentejn, l-allegata vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq baqgħet il-punt fokali tal-lanjanzi kostituzzjonali u konvenzjonali tal-appellanti, anke fil-proċeduri odjerni.

29. Tenut kont tas-suespost, din il-Qorti tqis illi l-Ewwel Qorti kienet korretta meta applikat l-istitut tar-*res judicata* limitatament fir-rigward tal-allegat ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq, ġialardarba sa fejn il-lanjanzi tal-appellanti jitrattaw dan l-allegat vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq, dawn kienu diġà ġew skruttiniżżati u deċizi fir-referenza kostituzzjonali bin-numru 13/2017. Magħdud dan, din il-Qorti rat ukoll illi l-Ewwel Qorti xorta waħda għaddiet biex teżamina l-mertu ta' din il-lanjanza minkejja dak deċiż fir-referenza kostituzzjonali bin-numru 13/2017. Għalhekk dak rilevat mill-appellanti, ma jreġġix. Konsidrat dan, din il-Qorti taqbel mal-appellati, illi l-ewwel aggravju tal-appellanti hekk fir-rikors tal-appell huwa wieħed bla bażi u infondat.

30. Għalhekk l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

31. Permezz ***tat-tieni aggravju***, l-appellanti jilmentaw mill-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti rigward l-allegat illegalità tal-interċettazzjonijiet telefoniċi in kwistjoni, in kwantu l-Ewwel Qorti ma riskontrat l-ebda leżjoni tal-jeddijiet invokati minnhom. L-appellanti, in sostenn tal-lanjanza tagħhom, jiċċitaw tliet sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-Sede Kostituzzjonali tagħha u oħrajn tal-Qorti Ewropea.

32. L-appellati jaffermaw illi l-prova ta' dawn l-interċettazzjonijiet hija disponibbli lill-partijiet kollha, kif wara kollox xehed l-eks Assistant Kummissarju tal-Pulizija Dr Neil Harrison bħala l-persuna li għamel it-traskrizzjoni tar-*recordings* tat-telefonati interċettati mis-Servizz tas-Sigurtà. Fil-fatt fil-kumpilazzjoni ġew esebiti tliet CDs li kienu jikkontjenu tali *recordings*, bħal ma ġew esebiti l-mandati li bihom il-Ministru responsabbli kien awtorizza lil Kap tas-Servizz tas-Sigurtà jagħmel tali interċettazzjonijiet telefoniċi. L-appellati jsotnu illi għalhekk ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li l-interċetazzjonijiet saru skont il-liġi u li l-interferenza li qegħdin jilmentaw minnha l-appellanti hija koperta taħt il-Kap 391 tal-Liġijiet ta' Malta. Isostnu illi tali interċettazzjonijiet kienu neċessarji billi li l-iskop wara tali kienet l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati serji, għan li ġie diversi drabi approvat mill-Qorti Ewropea. Ulterjorment jaffermaw illi l-fatt li l-mandat ta' interċettazzjoni ma jinħariġx minn

awtorità ġudizzjarja ma jfissirx li l-mekkaniżmu maħsub fil-Kap 391 huwa b'mod awtomatiku leżiv.

33. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti kostatazzjonijiet:

> *"Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti tasal għall-fehma li żżamma fl-atti tal-Att tal-Akkuża tad-dokumenti magħmula minn traskrizzjoni tat-telefonati interċettati ma tikkostitwix ksur tal-jedd tar-rikorrenti għas-smigħ xieraq fil-każ tagħhom meta huwa ċar li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jreġix biss fuq dawk id-dokumenti u meta għad irid jirriżulta jekk il-Prosekuzzjoni hijiex sejra toqgħod fuq dawk id-dokumenti jew issemmihom waqt il-Ġuri;*
>
> *Omissis*
>
> *Fil-każ tat-tieni dokument, it-traskrizzjonijiet li allegatament juru x'ingħad fit-telefonati interċettati għadhom jistgħu jkunu mistħarrġa jew attakkati mid-difiża fl-istadju xieraq tal-proċeduri li jinsabu għaddejjin fir-rigward tar-rikorrenti; Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li l-ilment tar-rikorrenti dwar l-imsemmija dokumenti huwa wieħed mistħoqq;'*
>
> *Omissis*
>
> *Illi fi kwalunkwe kaz fil-mertu irrizulta lil din il-Qorti mill-atti kriminali li dak li jallegaw ir-rikorrenti u cioe' li l-prova tramite tali intercettazzjonijiet telefonici li gew esebiti fl-atti kriminali kemm traskritti u bhala recordings tikkostitwixxi lezjoni tal- principju tal-equality of arms u allura tal-jedd ghal smiegh xieraqa ssolutament mhuwiex minnu. Kif gia sostnew zewg Qrati ohra qabel dik odjerna rrizulta li fl-atti kriminali r-rikorrenti ghad ghandhom il-possibilita' li jikkonfrontaw il-persuni li producew tali intercettazzjonijiet stante li huma ndikati bhala xhieda kif ukoll ghadhom fil-possibilita' li waqt is-smiegh tal-guri jattakkaw kemm il-veracita, l-awtenticita' u l-valur probatorju tal-istess jekk ikun il-kaz. Il-Qorti rat ukoll li tul il-proceduri kriminali l- akkuzati gia kellhom diversi opportunitajiet li jaghmlu kontro-ezami u jikkonfrontaw ix-xhieda relatati mal-istess intercettazzjonijiet fosthom il-Kap tas-Servizzi Sigrieti us-Surpretendent Neil Harrison li ttraskriva l-istess. Jirrizulta ghalhekk li dawn l-intercettazzjonijiet huma fil-fatt sottoposti ghal skrutinju gudizzjarju, mhux kif isostnu r-rikorrenti, ghalhekk m'hemm l-ebda ksur tal-principju tal-'equality of arms'.*

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

34. *In subjecta* materja, ġie ritenut illi:

> *"This is an area where a balance has to be found between the State interest and individual privacy. It is concerned with right to informational autonomy, the right to control what information is available about oneself. It is also concerned the need of the State to protect itself and its citizens and by definition democracy. In this field the ECHR has been most influential and the ECHR in its jurisprudence has given extensive guidance on the balance between individual privacy and State interests."*[7]

35. Il-Qorti Ewropea rriteniet illi:

> *"The Court has therefore to accept that the existence of some legislation granting powers of secret surveillance over the mail, post and telecommunications is, under exceptional conditions, necessary in a democratic society in the interests of national security and/or for the prevention of disorder or crime."* ( Ara Klass and Others v. Germany, § 48).

36. Jidher għalhekk illi sakemm l-Istat u l-awtoritajiet ikunu qegħdin josservaw liġi ċara, li tipprovdi għal dan il-bilanċ, m'hemmx xkiel għall-Istat li jiġbor tali informazzjoni b'dawn il-mezzi. Fil-fatt il-Qorti fi Strasburgu affermat illi:

> *"When balancing the respondent State's interest in protecting its national security through secret surveillance measures against the seriousness of the interference with an applicant's right to respect for his or her private life, the national authorities enjoy a certain margin of appreciation in choosing the means for achieving the legitimate aim of protecting national security. However, there must be adequate and effective safeguards against abuse. The Court thus takes into account the circumstances of the case, such as the nature, scope and duration*

[7] Ara O.Hood Philips and Jackson; Constitutional ans Administartive Law; 8th ED; para 26-013).

*of the possible measures, the grounds required for ordering them, the authorities competent to authorise, carry out and supervise them, and the kind of remedy provided by the national law (Roman Zakharov v. Russia [GC], § 232; İrfan Güzel v. Turkey, § 85) (Enfażi ta' din il-Qorti)*"

37. L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni jistipula illi:

*"(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*

*(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-=eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew legħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor." (Emfażi tal-Qorti)."*

38. L-indħil mill-Istat huwa għalhekk l-eċċezzjoni għar-regola, konċess (a) biss jekk tali indħil ikun sar skont il-liġi u (b) għall-kategoriji tal-interessi espressament imsemmija fis-subartikolu 2 tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u ċjoè; (i) jekk ikun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, (ii) fl-interessi tas-sigurtà pubblika, jew (iii) il-ġid ekonomiku tal-pajjiż; biex jiġi evitat id-diżordni jew l-għemil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor. Dawn iż-żewġ elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Ir-regola ġenerali hi li ma jistax ikun hemm indħil. L-indħil huwa eċċezzjoni. Nieqsa waħda minn dawn l-elementi, l-Istat ikun qed jikser id-dritt fundamentali tal-individwu kif imħares mill-Artikolu 8 tal-artikolu tal-Konvenzjoni.

39. Fl-isfond lokali, din il-Qorti kif preseduta diġà kellha l-opportunità li tesprimi l-fehmiet tagħha fuq il-materja. Filwaqt illi tagħmel pjena referenza għal konsiderazzjonijiet magħmula minnha fis-sentenza fl-ismijiet: *George Degiorgio v. Avukat Generali et* deċiża minn din il-Qorti nhar is-26 ta' Frar 2024, u żżomm ferm ma' dak minnha enuċjat:

> *"…hemm il-ħtieġa li l-leġislatur jirrevedi sew l-Att biex jiġi aċċertat li jkun konformi mad-dettami tal-Art. 8 tal-Konvenzjoni. Hekk ukoll, jiġi garantit li ma jkunx hemm periklu li x-xogħol li jsir biex jipproteġi s-sigurtà nazzjonali jisfuma kollu fix-xejn billi l-provi li jkunu nġabru ma jkunux jistgħu jintużaw f'proċeduri kriminali. L-interċettazzjoni ta' komunikazzjoni hi waħda mill-modi l-iktar effettivi kif min hu responsabbli mis-sigurtà tal-pajjiż, jinfiltra dawn l-organizazzjonijiet perikolużi."*

40. Magħdud dan, jeħtieġ issa illi din il-Qorti teżamina l-*fattispecie* partikolari tal-każ odjern. Mill-atti jirriżulta s-segwenti:

i. Il-proċeduri kriminali fil-konfront tal-appellanti għadhom pendenti skont dak indikat mill-Ewwel Qorti;

ii. Il-mandati in kwistjoni kienu esebiti kemm fil-proċeduri kriminali u anke fil-proċeduri odjerni, u fil-fatt ġew ikkonfermati minn Dr Tonio Borg waqt il-proċeduri in Prim'Istanza, li fiż-żmien in deżamina kien il-Ministru inkarigat mill-Ministeru responsabbli għas-Sigurtà Nazzjonali.

iii. Qabel ma kienu waħda mill-materji postulati fir-referenza kostituzzjonali, l-interċettazzjonijiet in kwistjoni kienu wkoll is-suġġett

ta' appell kriminali intavolat mill-appellanti wara li l-Qorti Kriminali ċaħdet l-eċċezzjonijiet preliminari fejn kien intalab l-isfilz tad-dokumenti esebiti mis-Supretendent Neil Harrison, l-istess dokumenti li huma l-mertu tal-proċeduri odjerni.

iv. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha kkunsidrat illi t-*transcripts* in kwistjoni kienu esebiti, flimkien mar-*recordings*, b'dan illi l-korrettezza *o meno* tagħhom ser tiġi evalwata minn min irrid jiġġudika l-fatti.

v. L-uffiċjali tas-Servizzi tas-Sigurtà kienu wkoll indikati bħala xhieda tal-prosekuzzjoni, u għalhekk kienu ser jiġu prodotti biex jixhdu fuq l-istess.

vi. Il-Qorti Kriminali filwaqt illi astjeniet milli tieħu konjizzjoni tar-raba' aggravju li kien jirrigwarda l-ħames, is-sitt u s-seba' eċċezzjonijiet, ċaħdet l-appell mill-bqija.

41. Jirriżulta għalhekk illi fil-każ odjern a differenza ta' uħud mill-każijiet ċitati mill-appellanti, il-mandati sabiex isiru tali interċettazzjonijiet (i) kienu esebiti kemm fl-atti kriminali kif ukoll fl-atti odjerni; (ii) kienu ikkonfermati mill-Ministru kkonċernat, kif wara kollox ġiet ikkonfermata u spjegata is-sistema li biha jiġu awtorizzati tali mandati; (iii) ħarġu *ai termini* tal-liġi li

tirregolahom, u kienu awtorizzati mill-Ministru li dak iż-żmien kien responsabbli għas-Sigurtà Nazzonjali, u anke mill-Prim Ministru in assenza tal-Ministru inkarigat; (iv) kienu validi għal perjodu pre-stabbilit mil-liġi; (v) b'riżultat ta' tali interċettazzjonijiet l-appellanti flimkien ma' terzi ġew arrestati u mressqa fuq akkużi relatati mad-droga.

42. Din il-Qorti għarblet sew l-atti tal-proċeduri, u hija tal-fehma illi fil-każ odjern m'hemm l-ebda prova li seħħ xi abbuż ta' poter meta nħareġ il-mandat u nżamm fis-seħħ għall-perjodu stipulat mil-liġi. Il-Qorti żżid illi l-ordni in kwistjoni nħarġet fil-konfront tal-atturi fir-rigward ta' kriminalità organizzata marbuta ma' impurtar u traffikar ta' droga. Għaldaqstant l-indħil fil-ħajja privata tar-rikorrenti ma kienx wieħed frivolu anzi kien neċessarju għall-investigazzjoni u s-sussegwenti prosekuzzjoni ta' dawn ir-reati li r-rikorrenti allegatament wettqu. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet fil-każ partikolari li għandha quddiemha, din il-Qorti ma tistax tikkonkludi li r-rikorrenti huma vittmi ta' ksur tal-Artikolu 8 għaliex l-għemil tal-konvenuti jirrafigura fid-dispożizzjonijiet tas-sub-artikolu tnejn (2) tal-Artikolu 8.

43. Għalhekk dan l-aggravju qiegħed ukoll jiġi respint.

44. It-***tielet aggravju*** tal-appellanti jitratta l-allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, minħabba ż-żamma ta' data mill-fornituri ta'

servizzi ta' komunikazzjonijiet ta' servizzi elettroniċi aċċessibbli għall-pubbliku, jew ta' *networks* pubbliċi ta' komunikazzjoni. L-appellanti jirribadixxu illi d-Direttiva 2006/24KE ġiet dikjarata nulla b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea bil-konsegwenza li l-interċetazzjonijiet li saru fil-każ odjern saru a bażi ta' liġi dikjarata nulla.

45. L-appellati min-naħa l-oħra jaffermaw illi t-tħassir tad-Direttiva bin-numru 2006/24 mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ma ġabitx magħha t-tħassir awtomatiku ta' leġislazzjoni domestika li implimentat tali Direttiva. Lanqas il-fatt li wara tali deċiżjoni kien hemm stati membri li ħassru l-liġi domestika relattiva tagħhom, ma ġġib magħha l-konsegwenza awtomatika li l-istati membri l-oħra għandhom ukoll iħassru tali liġi. Jissottolinejaw illi direttivi tal-Unjoni Ewropea, b'differenza għal regolamenti mhumiex applikabbli direttament. Tal-ewwel, jirrikjedu l-intervent nazzjonali sabiex jiġu implimentati, u għalhekk it-tħassir tagħhom mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ma ġġibx magħha l-konsegwenza ta' tħassir tal-liġi nazzjonali li tkun ittrasponiet tali direttiva. Is-sitwazzjoni kienet tkun waħda differenti li kieku l-Qorti tal-Ġustizzja ħassret regolament, b'dan illi tali tħassir kien ikun vinkolanti fuq l-Istati Membri kollha peress li fin-natura tagħhom regolamenti huma direttament applikabbli. Jisħqu illi fil-każ odjern, ir-ritenzjoni tad-data telefonika tagħhom kienet waħda ġustifikata, neċessarja u proporzjonata mal-iskop li għalih kienet qiegħda tinżamm.

46. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> *"Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti wara li rat kelma b'kelma l-ilment tar-rikorrenti u wkoll il-provi fl-atti, tirrileva li minn imkien ma jirrizulta li fl-atti kriminali fil-konfront tar-rikorrenti sar uzuta' din id-direttiva sabiex jingabru xi provi fil-konfront tal-istess rikorrenti akkuzati. Fil-fatt jirrizulta li l-provi esebiti fl-atti kriminali dwar komunikazzjoni mir-rikorrenti giet ottenuta wara l-hrug ta' mandat fit-termini tal-Att dwar is-Servizz tas-Sigurtà(Kap. 391 tal-Ligijiet ta' Malta) u mhux fit-termini tad-Direttiva attakkata mir-rikorrenti permezz tat-tieni talba taghhom. F'dan ir-rigward il-Qorti ghalhekk tqis li t-tmien eccezzjoni tal-intimati fejn isostnu li din it-talba ma tistax tintlaqa' ghaliex il-kaz odjern l intercettazjonijiet telefonici ma sarux taht din id-Direttiva izda fit termini tal-Kap. 391 hija gustifikata u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.*
>
> *Illi in vista tas-suespost il-Qorti tqis ukoll li r-rikorrent naqsu milli jippruvaw kwalunkwe interess guridiku sabiex ikunu jistghu jikkontestaw il-validita' tad-Direttiva in kwistjoni f'ambituta' allegat ksur ta' jedd fundamentali taghhom.*
>
> *Il-Qorti ghalhekk ghar-ragunijiet suesposti ser tghaddi sabiex tichad ukoll il-bqija tat-tieni talba tar-rikorrenti."*

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:***

47. Dan l-aggravju jindirizza d-Direttiva 2006/24KE tal-15 ta' Marzu 2006, li temenda d-Direttiva 2002/58/KE. L-Avviż Legali 198 tal-2008 u l-Liġi Sussidjarja 440.01, implimentaw l-imsemmija Direttiva fil-qafas legali domestiku. Huwa minnu illi l-imsemmija Direttiva ġiet dikjarata invalida wara deċiżjoni minn referenza preliminari magħrufa bħala *Digital Rights Ireland Ltd and Others (Joined Case C 293/12 u C 594/12)*. Din id-Direttiva ġiet skruttinizata wara tħassib illi l-iskop daqstant wiesa'

tagħha jilledi l-protezzjonijiet garantiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundametali tal-Unjoni Ewropea.

48. Fil-fatt il-Qorti tal-Ġustizzja irrilevat illi: *"Directive 2006/24 affects, in a comprehensive manner, all persons using electronic communications services*", inkluż persuni li lanqas b'mod indirett, ma jinsabu f'sitwazzjoni li tista' twassal għal prosekuzzjoni kriminali u li fir-rigward tagħhom ma jeżisti l-ebda indizju ta' natura li jagħti x'jifhem li l-aġir tagħhom jista' jkun marbut, anki jekk b'mod indirett jew distanti, ma' reati kriminali gravi. Il-Qorti spjegat illi din id-Direttiva tkopri b'mod ġeneralizzat l-abbonati u l-utenti rreġistrati kollha kif ukoll tkopri l-mezzi ta' komunikazzjoni elettronika kollha, id-data kollha dwar it-traffiku, mingħajr ma tipprevedi ebda distinzjoni, limitazzjoni jew eċċezzjoni.

49. Fir-rigward tal-użu tad-data għall-skopijiet ta' investigazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kienet għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*"41. … the material objective of that directive is, as follows from Article 1(1) thereof, to ensure that the data are available for the purpose of the investigation, detection and prosecution of serious crime, as defined by each Member State in its national law. The material objective of that directive is, therefore, to contribute to the fight against serious crime and thus, ultimately, to public security.*

*42. It is apparent from the case-law of the Court that the fight against international terrorism in order to maintain international peace and security constitutes an objective of general interest (see, to that effect, Cases C-402/05 P and C-415/05 P Kadi and Al Barakaat International Foundation v Council and*

*Commission EU:C:2008:461, paragraph 363, and Cases C-539/10 P and C-550/10 P Al-Aqsa v Council EU:C:2012:711, paragraph 130). The same is true of the fight against serious crime in order to ensure public security (see, to that effect, Case C-145/09 Tsakouridis EU:C:2010:708, paragraphs 46 and 47). Furthermore, it should be noted, in this respect, that Article 6 of the Charter lays down the right of any person not only to liberty, but also to security.*

*43. In this respect, it is apparent from recital 7 in the preamble to Directive 2006/24 that, because of the significant growth in the possibilities afforded by electronic communications, the Justice and Home Affairs Council of 19 December 2002 concluded that data relating to the use of electronic communications are particularly important and therefore a valuable tool in the prevention of offences and the fight against crime, in particular organised crime.*

*44. It must therefore be held that the retention of data for the purpose of allowing the competent national authorities to have possible access to those data, as required by Directive 2006/24, genuinely satisfies an objective of general interest.*

*45. In those circumstances, it is necessary to verify the proportionality of the interference found to exist.*

*omissis*

*49. As regards the question of whether the retention of data is appropriate for attaining the objective pursued by Directive 2006/24, it must be held that, having regard to the growing importance of means of electronic communication, data which must be retained pursuant to that directive allow the national authorities which are competent for criminal prosecutions to have additional opportunities to shed light on serious crime and, in this respect, they are therefore a valuable tool for criminal investigations. Consequently, the retention of such data may be considered to be appropriate for attaining the objective pursued by that directive.*

*51. As regards the necessity for the retention of data required by Directive 2006/24, it must be held that the fight against serious crime, in particular against organised crime and terrorism, is indeed of the utmost importance in order to ensure public security and its effectiveness may depend to a great extent on the use of modern investigation techniques. However, such an objective of general interest, however fundamental it may be, does not, in itself, justify a retention measure such as that established by Directive 2006/24 being considered to be necessary for the purpose of that fight.*

*52. So far as concerns the right to respect for private life, the protection of that fundamental right requires, according to the Court’s settled case-law, in any event, that derogations and limitations in relation to the protection of personal data must apply only in so far as is strictly necessary (Case C-473/12 IPI EU:C:2013:715, paragraph 39 and the case-law cited).”*

48. Fuq dan il-punt, huma ta' relevanza l-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja f'*Tele2 Sverige AB (C-203/15):*

> *"108. Mill-banda l-oħra, l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58, moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11, kif ukoll tal-Artikolu 52(1), tal-Karta, ma jipprekludix li Stat Membru jadotta leġiżlazzjoni li tippermetti, b'mod preventiv, iż-żamma mmirata ta' data dwar it-traffiku u ta' data dwar il-lokalizzazzjoni, għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità gravi, bil-kundizzjoni li ż-żamma tad-data tkun, fir-rigward tal-kategorija ta' data li għandha tinżamm, tal-mezzi ta' komunikazzjoni koperti, tal-persuni kkonċernati kif ukoll tal-perijodu taż-żamma, limitata għal dak li jkun strettament neċessarju.*
>
> *109. Sabiex tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza, din il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha, fl-ewwel lok, tipprevedi regoli ċari u preċiżi dwar il-portata u l-applikazzjoni ta' tali miżura ta' żamma ta' data u għandha timponi rekwiżiti minimi, b'tali mod li l-persuni li d-data tagħhom tkun inżammet ikollhom garanziji suffiċjenti li jippermettulhom jipproteġu b'mod effikaċi d-data personali tagħhom kontra r-riskji ta' abbuż. B'mod partikolari, hija għandha tindika f'liema ċirkustanzi u taħt liema kundizzjonijiet tista' tittieħed miżura ta' żamma ta' data, b'mod preventiv, filwaqt li b'hekk tiggarantixxi li tali miżura tkun limitata għal dak li jkun strettament neċessarju (ara, b'analoġija, firrigward tad-Direttiva 2006/24, is-sentenza Digital Rights, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata)."*

49. Isegwi għalhekk illi dak li l-Qorti tal-Ġustizzja ċċensurat huwa ż-żamma tad-data b'mod ġenerali u indiskriminat, *stante* li l-awtoritajiet kompetenti ta' stat membru jibqalhom dejjem il-jedd ta' aċċess, għalkemm mhux wieħed assolut, għal tali informazzjoni u dan fil-ġlieda kontra l-kriminalità, diment ukoll li tali miżuri jkunu "meħtieġa, xierqa u proporzjonati" f'soċjetà demokratika biex tiġi salvagwardata propju s-sigurtà nazzjonali (i.e. is-sigurtà ta' l-Istat), id-difiża, is-sigurtà pubblika, u l-prevenzjoni, investigazzjoni, skoperta u prosekuzzjoni ta' reati kriminali.

50. Fid-deċiżjoni mogħtija fis-6 ta' Ottubru 2020 mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-ismijiet *Privacy International Case C-623/17* ġie affermat illi:

> *"However, the rights enshrined in Articles 7, 8 and 11 of the Charter are not absolute rights, but must be considered in relation to their function in society (see, to that effect, judgment 30 of 16 July 2020, Facebook Ireland and Schrems, C-311/18, EU:C:2020:559, paragraph 172 and the case-law cited). 64 Indeed, as can be seen from Article 52(1) of the Charter, that provision allows limitations to be placed on the exercise of those rights, provided that those limitations are provided for by law, that they respect the essence of those rights and that, in compliance with the principle of proportionality, they are necessary and genuinely meet objectives of general interest recognised by the Union or the need to protect the rights and freedoms of others.*
>
> *Omissis*
>
> *71. The interference with the right enshrined in Article 7 of the Charter entailed by the transmission of traffic data and location data to the security and intelligence agencies must be regarded as being particularly serious, bearing in mind inter alia the sensitive nature of the information which that data may provide and, in particular, the possibility of establishing a profile of the persons concerned on the basis of that data, such information being no less sensitive than the actual content of communications. In addition, it is likely to generate in the minds of the persons concerned the feeling that their private lives are the subject of constant surveillance*
>
> *74. As regards the objectives that may justify such interferences, and in particular the objective of safeguarding national security, at issue in the main proceedings, it should be noted, at the outset, that Article 4(2) TEU provides that national security remains the sole responsibility of each Member State. That responsibility corresponds to the primary interest in protecting the essential functions of the State and the fundamental interests of society and encompasses the prevention and punishment of activities capable of seriously destabilising the fundamental constitutional, political, economic or social structures of a country and, in particular, of directly threatening society, the population or the State itself, such as terrorist activities (judgment of 6 October 2020, La Quadrature du Net and Others, C-511/18, C-512/18 and C-520/18, paragraph 135).*
>
> *75 The importance of the objective of safeguarding national security, read in the light of Article 4(2) TEU, goes beyond that of the other objectives referred to in Article 15(1) of Directive 2002/58, inter alia the objectives of combating crime in general, even serious crime, and*

*of safeguarding public security. Threats such as those referred to in paragraph 74 above can be distinguished, by their nature and particular seriousness, from the general risk that tensions or disturbances, even of a serious nature, affecting public security will arise. Subject to meeting the other requirements laid down in Article 52(1) of the Charter, the objective of safeguarding national security is therefore capable of justifying measures entailing more serious interferences with fundamental rights than those which might be justified by those other objectives."*

51. Isegwi għalhekk illi filwaqt illi l-liġi komunitarja tagħraf il-bżonn li l-istati membri jipprovdu għas-sigurtà nazzjonali billi jiġġieldu kontra l-kriminalità u għalhekk tippermetti illi jkun hemm inteferenzi fid-drittijiet fundamentali, fosthom anke permezz ta' interventi leġislattivi f'dan l-ambitu, jeħtieġ però illi jkun milħuq bilanċ bejn l-individwu u d-drittijiet iggarantiti lilu taħt il-Konvenzjoni u n-neċessità li l-komunikazzjonijiet privati tiegħu jkunu assoġġettati għal skrutinju fl-interess ġenerali. Madankollu jirriżulta illi l-qafas leġislattiv jippermetti r-ritenzjoni ta' u l-aċċess għal data fil-każ ta' twettiq ta' reat jew reati serji u gravi li jimminaw is-sigurtà nazzjonali bħal dawk li dwarhom l-appellanti jinsabu mixlija.

52. Din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti hija tal-fehma illi mill-provi esebiti kemm fl-atti tal-proċeduri kriminali u anke fl-atti tal-proċeduri odjerni, il-komunikazzjoni mir-rikorrenti ġiet ottenuta wara l-ħruġ ta' mandat kontemplat fl-Att dwar is-Servizz tas-Sigurtà u ċjoè il-Kap 391 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux *ai termini* tad-Direttiva. Il-ksib ta' tali data għalhekk hija permissibbli abbażi tad-deroga maħsuba fid-dritt Ewropew applikabbli għal investigazzjoni ta' reat kriminali bħal dan in kwistjoni, fejn l-appellanti

jinsabu mixlija bl-importazzjoni u traffikar ta' droga. Filwaqt illi din il-Qorti tagħmel referenza għal dak osservat minnha fis-sentenza fl-ismijiet: *George Degiorgio v. Avukat Generali et* b'referenza għal mekkaniżmu adoperat fil-Kap 391 u l-kriterji hemm stabbiliti għal ħruġ tal-mandat ta' interċettazzjoni, il-Qorti terġa' ttenni illi ma ravviżat l-ebda abbuż fl-operat u l-għemil tal-konvenuti, u tqis illi l-garanziji minimi stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja kienu mħarsa.

53. Tenut kont tal-konsiderazzjonijiet magħmula, din il-Qorti sejra wkoll tiċħad it-tielet aggravju.

54. Permezz tar-***raba' aggravju,*** u b'referenza għar-rimedju li skont l-appellanti din il-Qorti għandha tagħti fl-eventwalità li ssib vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom, l-appellanti jargumentaw illi l-interċettazzjonijiet in kwistjoni m'għandhomx jitqiesu bħala prova fil-proċeduri kriminali kontra l-istess rikorrenti.

55. L-appellati jisħqu illi l-eżitu ta' dan l-aggravju jiddependi mill-eżitu tal-aggravji l-oħra. Da parti tagħhom irrilevaw illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti kienet waħda korretta, u timmerita li tiġi konfermata, b'dan illi fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-protezzjonijiet garantiti bil-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni.

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:***

56. Ġialadarba din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti ma tqisx illi l-lanjanzi kostituzzjonali u konvenzjonali tal-appellanti huma fondati, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-aggravju.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell fl-intier tiegħu u tordna illi l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da